MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 961/2005

Middle Sea Insurance plc (C5553) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha John’s Garage Ltd. u l-istess John’s Garage Ltd.
vs
Mario Mifsud

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici li biha ippremettiet:

Illi fid-disgha (9) ta’ Settembru, tas-sena elfejn u erba’ (2004), waqt li l-assigurat tas-socjeta` attrici Roderick Azzopardi kien qed isuq il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni HGY 039 proprjeta’ ta’ John’s Garage Ltd., kien involut f’incident awtomobilistiku mal-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni ABF 292 misjuqa mill-konvenut Mario Mifsud gewwa Triq il-Konvoj ta’ Santa Marija, Mqabba;

Illi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni sehh unikament minhabba tort, negligenza, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut Mario Mifsud;

Illi konsegwenza ta' dan l-incident is-socjeta` attrici John's Garage Ltd. sofriet danni konsiderevoli fil-vettura proprjeta` taghha bin-numru tar-registrazzjoni HGY 039 li jammontaw ghas-somma ta' tmint'elef Liri Maltin (Lm8,000) liema danni kellha taghmel fronti ghalihom is-socjeta` attrici Middle Sea Insurance plc taht poliza ta' assikurazzjoni tat-tip '*comprehensive'* liema ammont jinkludi *excess* ta' hamsa u sebghin Liri Maltin (Lm75) mhallas mis-socjeta` attrici John's Garage Ltd.;

Illi ghalkemm il-konvenut gie debitament interpellat permezz ta' ittra ufficcjali datata 19 ta' Novembru, 2004 sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mill-atturi, baqa' inadempjenti.

L-atturi talbu lill-Qorti:

1. Tiddikjara l-konvenut responsabbli ghall-incident awtomobilistiku fuq deskritt li sehh nhar id-disgha (9) ta' Settembru, tas-sena elfejn u erbgha (2004) gewwa l-Mqabba liema incident sehh minhabba tort, negligenza, traskuragni u nuqqas ta' osservazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu;

2. Tillikwida s-somma ta' tmint'elef Liri Maltin (Lm8,000) jew somma verjuri bhala d-danni sofferti mill-atturi rizultat ta' l-incident imsemmi *okkorrendo* n-nomina ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet skond il-Ligi kontra l-konvenut, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali datata 19 ta' Novembru, 2004 (Dok MSI 1) u ta' l-ittra ufficcjali kontestwalment prezentata kontra s-socjeta` assikurattiva tal-konvenut

(Dok MSI 2), filwaqt li l-konvenut gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mill-atturi.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi preliminarjament *lis alibi pendens*, *stante* li hemm kawza pendenti quddiem dina l-Qorti kif diversement ippresedjuta, fl-ismijiet "Mario Mifsud -vs- roderick Azzopardi" (Citazz. Nru. 527/05CFS) liema kawza tinsab differita ghall-10 ta' Jannar, 2006 fl-10:00a.m., u tirrigwarda l-istess incident mertu tal-kawza odjerna;

2. Illi subordinatament ghall-ewwel eccezzjoni jaqbel illi ghall-ekonomu tal-gudizzju, dina l-kawza tigi trasferita sabiex tinstema' kontemporanjament u konstestwalment mal-kawza l-ohra fl-ismijiet "Mario Mifsud -vs- Roderick Azzopardi" - u dana *ai termini* ta' l-Artikolu 792 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi fil-mertu, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi *stante* li l-incident in kwistjoni ma sehhx b'xi tort tal-konvenut izda sehh unikament tort ta' Roderick Azzopardi, u minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu hekk kif ser jigi ippruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-kaz.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u il-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lix-xhieda bil-gurament;

Semghet l-abili difensuri;

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

In segwitu tar-rikors tat-30 ta' Marzu, 2006 fol 16 il-kawza odjerna giet rikjamata ghal mal-kawza numru 527/05FS fl-ismijiet Mario Mifsud vs Roderick Azzopardi, u z-zewg kawzi kellhom jinstemghu kontestwalment u l-provi jinsabu mnizzla fil-lista tal-provi ta' l-imsemmija kawza, li a skans ta' ripetizzjoni il-Qorti tirreferi ghas-sentenza moghtija llum stess fil-kawza 527/05FS.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Dwar kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tirreferi ghall-istess kunsiderazzjonijiet li saru fl-imsemmija kawza 527/05FS.

Il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li r-responsabbilta` ta' l-incident hija dik ta' Roderick Azzopardi minhabba l-velocita` eccessiva u li mar *wrong side* u anqas waqaf fuq it-*traffic lights*.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Il-Qorti tilqa' t-tielet eccezzjoni dwar l-infondatezza tat-talbiet *stante* li l-incident *de quo* ma sehhx b'xi tort tal-konvenut izda unikament ta' Roderick Azzopardi, u konsegwentement tichad it-talbiet attrici.

Spejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------